22002D0077

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 77/2002

fil-25 ta' Ġunju 2002.

li jemenda l-Anness I (Kwistjonijiet Veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li adatta l-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 149/2001tal-11 ta' Diċembru 2001 ([1]).

(2) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/471/KE tat-8 ta' Ġunju 2001 li tistabbilixxi regoli dwar il-kontrolli regolari ta' l-iġjene ġenerali li għandhom jitwettqu minn operaturi fi stabbillimenti skond id-Direttiva 64/433/KEE dwar problemi ta' saħħa li jaffetwaw il-produzzjoni u l-marketing ta' laħam frisk u d-Direttiva 71/118/KEE dwar problemi tas-saħħa li jaffetwaw il-produzzjoni u tqegħied fis-suq ta' laħam frisk ta' tjur ([2]) għandhom ikunu inkorporati fil-Ftehim.

(3) Din id-Deċiżjoni m'għandix tapplika għall-Islanda u għall-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt segwenti għandu jkun inserit wara l-punt 39 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/536/KE) fil-Parti 6.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim:

"40. **32001 D 0471**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/471/KE tat-8 ta' Ġunju 2001 li qed tistabbilixxi regolamenti dwar il-kontrolli regolari ta' l-iġjene ġenerali li għandhom jitwettqu minn operaturi fi stabbilimenti skond id-Direttiva 64/433/KEE dwar kondizzjonijiet ta' saħħa għall-produzzjoni u *marketing* ta' laħam frisk u d-Direttiva 71/118/KEE dwar problemi ta' saħħa li jaffettwaw il-produzzjoni u tqegħied fis-suq ta' laħam frisk ta' tjur (ĠU L 165, tal-21.6.2001, p. 48)."

Artikolu 2

It-test tad-Deċiżjoni 2001/471/KE bil-lingwa Norveġiża, li se jkun ippubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ is-26 ta' Ġunju 2002, kemm il-darba n-notifiki taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 65, tas-7.3.2002, p. 20.
([2]) ĠU L 165, tal-21.6.2001, p. 48.
(*) L-ebda kondizzjonijiet kostituzzjonali meħtieġa huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata kemm fit-Taqsima taż-ŻEE, kif ukoll fis-Suppliment taż-ŻEE, tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Ġunju 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND